MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Appell Civili Numru. 216/2005/1

**Avviz Numru:216/2005/SM**

**John D'Amato Limited (C12082).**

**vs**

**J.I.T. Limited;**
**Medical Services Limited; David Sciberras**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fis-27 ta' Ottubru 2010 il-Qorti tal-Magistrati ppronunzjat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

*"Il-Qorti,*

*Rat l-avviz fuq indikat datat it-18 ta' April tas-sena 2005, li permezz tieghu s-socjeta` attrici sejhet lill-konvenuti fuq*

*indikati quddiem din il-qorti sabiex, jghidu ghaliex m' ghandhomx, jew min minnhom, ikunu ikkundannati:*

*1. Illi jhallsu l-ammont ta' tliet elef seba' mija disgha u sittin Lira Maltija, u disgha u sittin centezmu, (Lm3,769.69), rappresentanti kontijiet tad-dawl u l-ilma, tat-telefon u tal-permessi dovuti fuq il-fond 116, Tower Road, tas-Sliema, mhallsin mis-socjeta` attrici meta skont il-kuntratt lokatizzju tat-28 ta' Ottubru, 1997, kellhom jithallsu mill-istess konvenuti;*

*2. Bl-imghaxijiet minn meta dawn is-somom kienu dovuti sad-data tal-pagament effettiv;*

*3. Bl-ispejjez u bis-subizzjoni tal-konvenuti;*

*Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Sciberras kemm f'ismu proprju, kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Medical Service Limited datata t-12 ta' Mejju tas-sena 2005, li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:*

*1. Illi huwa personalment qatt ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mal-attur;*

*2. Illi Medical Services Ltd., kif jidher irregistrata fuq l-indirizz tieghu ma tesiztix;*

*3. Illi l-eccipjent David Sciberras la f'ismu, u lanqas ghal ebda kumpanija tieghu, ma ghandu jaghti xejn lill-attur, anzi jista` jirrizulta li John D' Amato Ltd., ghandha tghati lil Dr. David Sciberras;*

*4. Salv eccezzjonijiet ohra;*

*Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` J.I.T. Limited datata t-13 ta' Gunju tas-sena 2005, li permezz taghha eccepiet is-segwenti:*

*1. Illi preliminarjament, l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 tal-Kap 16, stante illi l-eccipjenti*

*rrilaxxjaw ic-cwievet tal-fond 116, Tower Road, tas-Sliema, f'idejn l-attur f' Ottubru tas-sena 1998;*

*2. Illi sekondarjament u minghajr pregudizzju illi l-attur ghandu jgib prova dwar l-ammont rikjamat, bil-kontijiet relattivi li jindikaw il-perjodu li ghalihom jirreferu, u dan peress illi l-eccipjenti rrilaxxjaw il-fond kif intqal hawn fuq u ghalhekk ma jistghux jinzammu responsabbli ghal dak li sehh wara tali rilaxx;*

*3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju, stante li kif gia` intqal, l-eccipjenti rrilaxxjaw il-fond f'Ottubru tas-sena 1998, liema fond gie f' idejn u beda jigi gestit mill-konvenuti l-ohra jew min minnhom, u dan bil-kunsens tal-attur, u stante illi sa Ottubru tal-1998 il-kontijiet kollha li dwarhom qed jirrikjama l-hlas l-attur kienu mhallsin, l-eccipjenti ma ghandhom jaghtu xejn lill-attur;*

*Tirrileva li kif gie verbalizzat fil-31 ta' Mejju tas-sena 2006, s-socjeta` attrici tidher li pprokrestinat fil-produzzjoni tal-provi taghha fejn sahansitra l-istess qorti kellha tammoniha fir-rigward u tirrizerva d-dritt taghha li tiehu passi dovuti skont il-ligi;*

*Semghet ix-xhieda prodotta;*

*Ezaminat id-dokumenti esebiti;*

*Rat il-verbal datat it-13 ta' Mejju tas-sena 2006, li permezz tieghu r-rapprezentant legali tal-konvenut Sciberras talab li jkun awtorizzat jipprezenta nota b'referenzi;*

*Rat li l-partijiet l-ohra tal-kawza m'opponewx purche` dawn*
*jigu notifikati minn qabel;*

*Rat id-digriet taghha ukoll datat it-13 ta' Mejju tas-sena 2009, fejn laqghet it-talba ghal nota ta' referenzi bil-visto tal-kontro parti, stabiliet data ghall-istess u b'terminu reciprokattiv ghal nota ta' referenzi responsiva;*

*Rat minflok li l-istess konvenut ghazel li jissottometti nota ta' sottomissjonijiet datata l-15 ta' Mejju tas-sena 2009;*

*Rat in-nota t'osservazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta J.I.T. Limited datata s-27 ta' Mejju tas-sena 2009;*

*Rat in-nota t'osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici datata s-27 ta' Ottubru tas-sena 2009;*

*Rat il-verbal tar-rapprezentanti legali tal-partijiet datat l-14 t' April tas-sena 2010, li permezz tieghu ddikjara li ma kienx fadlilhom aktar x' izidu man-noti minnhom gia` pprezentati;*

*Illi issa finalment qieghda f'posizzjoni li tiddetermina din il-procedura skont il-ligi;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi in vista tal-eccezzjoni preliminari tas-socjeta` konvenuta J.I.T. Limited, hi tenuta li tespunja qabel xejn din l-ewwel eccezzjoni preliminari;*

*Illi l-istess socjeta` konvenuta ssostni preliminarjament li l-azzjoni odjerna hi preskritta fil-konfront taghha ai termini tal-artikolu 2156 u dan stante li l-istess socjeta` konvenuta rrilaxxat ic-cwievet tal-fond meritu ta' din il-kawza f'Ottubru tal-1998;*

*Illi l-imsemmi artikolu jistipula s-segwenti:*

*1. Illi l-azzjonijiet kontemplati f'dan l-artikolu jaqghu bi preskrizzjoni kwinkwennali;*

*2. Illi fost dawn l-azzjonijiet hemm inkluza dik relattiva ghall-hlas ta' kera ta' bini – bhal ma hu l-kaz odjern;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi fir-rigward ir-rizultanzi processwali juru s-segwenti:*

*1. Illi l-fond meritu tal-vertenza odjerna hu fond kummercjali bin-numru 116, Tower Road, tas-Sliema;*

*2. Illi skont skrittura privata datata t-28 t' Ottubru tal-1997, dan il-fond inkera ghal perijodu ta' hames (5) snin u xahrejn (2) mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta J.I.T. Limited, b' effett mill-1 ta' Novembru tal-1997, (ara fol. 23);*

*3. Illi wara perjodu qasir l-istess socjeta` konvenuta indikata fil-paragrafu precedent rat li kien impossibbli ghaliha li tkompli bil-gestjoni tal-fond de quo u ikkontattjat lis-socjeta` attrici biex tirrexxindi l-kuntratt jew ghall-anqas tara kif tohrog minnu;*

*4. Illi jidher li fil-frattemp il-konvenut Sciberras personalment wera l-interess fil-gestjoni tal-imsemmi fond u wara li dan iltaqa` mar-rapprezentant tas-socjeta` attrici proprjetarju tal-fond de quo, intlahaq ftehim ta' kera gdid bis-socjeta` konvenuta J.I.T. Limited tigi estromessa mill-gestjoni tal-istess u mill-effetti tal-imsemmija skrittura privata, u dan b'effett mill-31 t' Ottubru tal-1998;*

*5. Illi skont l-istess rapprezentant ta' din is-socjeta` konvenuta jirrizulta li kien anke accerta ruhu li l-kontijiet relattivi ghall-gestjoni tieghu minnu dovuti ghall-istess fond kienu kollha saldati regolarment;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi jirrizulta li l-ewwel talba gudizjarjament relevant ghall-hlas allegat fil-procedura odjerna tirrizulta li saret lis-socjeta` konvenuta J.I.T. Limited tramite din il-procedura – u allura tidher li giet debitament notifikata fis-7 ta' Mejju tas-sena 2005;*

*Illi ghalhekk il-perijodi relattivi huma l-ahhar t'Ottubru tal-1998 u s-7 ta' Mejju tal-2005;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi in vista tar-rizultanzi fuq esposti jidher li t-talba attrici hi preskritta fil-konfront tas-socjeta` J.I.T. Limited stante li tinkwadra fit-terminu tal-artikolu 2156 tal-Kap 16 fuq citat;*

*Illi di piu`, l-istess rapprezentant ta' din is-socjeta` konvenuta riferita fil-paragrafu precedent isostni bil-gurament fl-affidavit tieghu li kien accerta ruhu li xejn ma jkun dovut lis-socjeta` attrici meta s-socjeta` konvenuta in dizamina tinhall mill-vinkolu ta' kera li kellha fil-fond de quo;*

*Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tidikjara li t-talbiet attrici huma preskritti fil-konfront tas-socjeta` konvenuta J.I.T. Limited, tordna li l-istess socjeta` tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;*

*Illi in vista tas-suespost tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet fil-meritu tal-istess socjeta` konvenuta in dizamina;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi issa l-focus gudizzjarju jdur fuq ir-relazzjonijiet li seta' kien hemm bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut rimanenti;*

*Illi jirrizulta li meta s-socjeta` J.I.T. Limited estromettiet ruhha mill-vinkolu kontrattwali fuq riferit, dahal minflokha l-konvenut Sciberras personalment biex jiggestixxi l-fond de quo;*

*Illi ghalhekk jirrizulta li l-iskrittura privata originali baqghet attiva, din-id darba vinkolati bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut Sciberras;*

*Illi hu ghalhekk li l-gestjoni tal-istess fond issa ghaddiet fir-responsabilita` tal-konvenut Sciberras;*

*Illi ghalhekk jirrizulta assodat li r-relazzjoni legali bejn 'il fuq*
*imsemmi konvenut Sciberras u s-socjeta` attrici baqghet vinkolanti nonostante li l-istess konvenut hallas lis-socjeta`*

*attrici b'cekkijiet appartenenti lill-socjeta` estranea li hu kien jiggestixxi;*

*Illi ghalhekk, is-socjeta` konvenuta Medical Services Limited tirrizulta li hi ghal kollox estranea ghar-relazzjonijiet in dizamina u filwaqt li tirrespingi t-talbiet attrici fir-rigward tordna wkoll li din is-socjeta` konvenuta Medical Services Limited tigi liberata mill-osservanza talgudizzju;*

*Ikkunsidrat:*

*IIli ghalhekk jirrizulta li l-uniku vinkolu legali rimanenti li jirrizulta hu dak bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut Sciberras;*

*Illi jirrizulta li ghalkemm il-gestjoni tal-konvenut Sciberras imxiet fil-passi tal-gestjoni precedent u falliet, dan bl-ebda mod ma jezimieh mir-responsabbiltajiet kontrattwali li dahal ghalihom fil-konfront tas-socjeta` attrici;*

*Ikkunsidrat:*

*IIli finalment tiddikjara li l-ammont globali mitlub mis-socjeta` attrici jirrizulta debitament suffragat mid-dokumentazzjoni kospikwa prodotta;*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost, din il-qorti, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijet sollevati mill-konvenut David Sciberras, takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:*

*1. Tikkundanna lill-konvenut David Sciberras biex ihallas l-ammont ta' tliet elef, seba' mija u disgha u sittin Lira Maltin u disgha u sittin centezmu, (Lm3,769.69), ekwivalenti ghal tmint elef, seba' mija u wiehed u tmenin ewro u centezmu (€8,781.01) rapprezentanti kontijiet tad-dawl u l-ilma, tat-telefon u tal-permessi dovuti fuq il-fond 116, Tower Road, Tas-Sliema, imhallsin mis-socjeta` attrici skont il-kuntratt lokatizju datat it-28 t' Ottubru tal-1997;*

*2. Bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi mid-data tas-sentenza*

*sal-effettiv pagament;*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut David Sciberras.*

Rat ir-rikors tal-appell ta' David Sciberras datat 10 ta' Novembru 2010 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta' Marzu 2011.

Rat ir-risposta ta' l-appell John D' Amato Limited (C12082).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta' Marzu 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Joseph Brincat ghall-appellanti Sciberras, u Dr. John Refalo ghas-socjeta` appellata li nforma l-Qorti li pprezenta risposta l-gimgha li ghaddiet u li mhix fil-process. Dr. Brincat ghall-appellanti ta ruhu b'notifikat ghall-appellant quddiem il-prezenza ta' mart Dr. Sciberras. Il-Qorti innotat li r-risposta ta' Dr. John Refalo mhix fil-process u ordnat li din tigi nserita minnufih sabiex tkun a dispozizzjoni tal-Qorti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-27 ta' Ottubru 2011.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza nkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 27 ta' Ottubru 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-aggravju tal-appellant odjern huwa fis-sens li l-ammont mertu tal-kawza odjerna kien dovut mis-socjeta' Delta Services Limited u mhux minnu personalment, u dan ghaliex huwa qed isostni li l-hanut *de quo* kien gie gestit l-ewwel mis-socjeta' JIT Limited u wara mis-socjeta'

Delta Medical Services Limited ,u mhux minnu personalment, tant li r-ricevuti ta’ kera tal-istess post gew mahruga mis-socjeta’ attrici a favur is-socjeta’ msemmija li qatt ma giet imharka fil-kawza.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li effettivament kien hemm kuntratt ta’ kera mas-socjeta’ JIT Limited u li din talbet *tramite* d-direttur taghha William Sciberras sabiex ma tibqax igesti l-istess hanut, u pprezentat lil David Sciberras bhala l-persuna li kien ser imexxi l-hanut u jidher li dan hallas il-kera dejjem tramite s-socjeta’ Delta Medical Services Limited u dan kif jidher mid-Dok. “DS 1” u Dok. “DS 2” u wkoll mill-pagamenti ta’ kera Dok. “DS 9” sa Dok. “DS 34” (fol. 76 sa 101) tal-process, u l-ircevuti ta’ kera hargu favur l-istess socjeta’ kif jidher mid-Dok. “DS 35” (fol. 102) sa Dok. “DS 47) (fol. 114) tal-process, u allura dan ma jistax ma jfissirx li s-socjeta’ attrici irrikonoxxiet lis-socjeta’ hemm indikata li ghandha titolu ta’ kera ghall-istess fond. David Sciberras huwa estraneu ghal dan kollu ghaliex jidher car li l-gestjoni tal-istess hanut ghaddiet f’idejn l-istess socjeta’ u kienet l-istess socjeta’ li giet rikonoxxuta mis-socjeta’ attrici. Illi huwa veru li William Sciberras rapprezentant tas-socjeta’ J.I.T. Limited kien ipprezenta lil huh David Sciberras bhala l-persuna li kienet ser tmexxi l-hanut minfloku ma` John D’Amato, izda bhal ma John D’Amato kien qed jidher ghas-socjeta’ attrici, hekk ukoll David Sciberras kien qed jidher ghas-socjeta’ Delta Medical Services Limited, u dan jidher car mill-pagamenti ta’ kera u l-ircevuti li nhargu favur l-istess socjeta’ u mela allura ma jistax jinghad li s-socjeta’ attrici ma kienitx taf li s-socjeta’ Delta Medical Services Limited kienet qed tmexxi u tikri l-istess hanut minghand is-socjeta’ attrici, meta hija stess harget ricevuti kontinwament favur l-istess socjeta’, u dan huwa ammess mill-istess John D’Amato fix-xhieda tieghu.

Illi inoltre jinghad li bil-mod kif giet prezentata l-azzjoni attrici jidher li giet ibbazata fuq l-iskrittura privata tat-28 ta’ Ottubru 1997 (ara avviz) u qed jinghad li l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma u tat-telefon u tal-permessi tal-fond 116, Tower Road, Sliema, kellhom jithallsu mill-istess konvenuti ndikati f’din il-kawza skont l-istess skrittura, izda

ma hemm ebda dubju li l-istess skrittura privata kienet tirrikonoxxi biss lis-socjeta’ J.I.T. Limited bhala l-persuna legali li kriet l-istess post, li kontra taghha l-azzjoni giet dikjarata preskritta bid-dekors tat-terminu ta’ hames snin, u William Sciberras kien gie ndikat bhala garanti, u ghalhekk il-konvenut David Sciberras ma jiccentra xejn f’dan ix-xenarju. Taht dan l-aspett hija nteressanti s-sottomissjoni (inkoretta) li kienet saret mis-socjeta’ attrici fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha quddiem l-Ewwel Qorti (fol. 193) fejn inghad li l-iskrittura tat-28 ta’ Ottubru 1997 baqghet vinkolanti u *“l-kontijiet tad-dawl u ilma kellhom jithallsu mill-inkwilini u din il-frazi tikkomprendi kemm JIT Limited kif ukoll David Sciberras”,* izda dan huwa zbaljat ghal kollox ghaliex jidher li tali skrittuta tirrikonoxxi biss lil J.I.T Limited bhala kerreja, u lil William Sciberras bhala garanti. Sussegwentement is-socjeta’ attrici rrikonoxxiet bhala kerreja lis-socjeta’ Delta Medical Services Limited u dan manifestat bir-ricevuti tal-kera li harget f’isimha in inskritt, izda ma jirrizulta li sar ebda ftehim, la verbali u lanqas bil-miktub, sabiex David Sciberras jidhol bhala garanti minflok William Sciberras.

Illi ghalhekk jidher li l-aggravju mqajjem mill-appellant huwa korrett fis-sens li mill-provi prodotti, senjatament mill-iskrittura ta’ lokazzjoni u mill-pagamenti u ricevuti tal-kera ma jirrizultax li l-konvenut David Sciberras kien il-kerrej, izda li l-kerreja kienu l-ewwel is-socjeta’ J.I.T. Limited u wara giet rikonoxxuta mis-socjeta’ attrici s-socjeta’ Delta Medical Services Limited, li wkoll jidher li giet citata hazin f’din il-kawza u ndirizzata bhala Medical Services Limited, li huwa isem li ma jezistix, u dan hareg car mill-provi prodotti.

Illi f’dan l-isfond, bir-rispett, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti fejn inghad li l-gestjoni tal-fond ghaddiet f’idejn l-appellant odjern, u dan peress li mir-ricevuti reklattivi rikonoxxuti u mahruga mis-socjeta’attrici stess, kienet is-socjeta’ Delta Medical Services Limited li kienet rikonoxxuta bhala l-kerreja tal-istess fond, u David Sciberras kien biss azzjonista taghha, izda certament mhux l-istess persuna, minhabba li l-istess socjeta’ ghandha personalita’ legali awtonoma u distinta

mill-azzjonista taghha. Jinghad ukoll li dak ritenut mill-Ewwel Qorti fejn sostniet li l-iskrittura privata baqghet attiva, din id-darba vinkolanti bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut Sciberras hija konsiderazzjoni inkorretta, u dan peress li mid-dokumenti rrizulta li kienet is-socjeta' Delta Medical Services Limited, iva rappresentata minn David Sciberras, li assumiet il-kirja tal-post u giet hekk rikonoxxuta mis-socjeta' attrici, izda ma kien hemm ebda ftehim, la verbali u lanqas in iskritt, li David Sciberras kien ser jidhol garanti ghall-hlasijiet dovuti mis-socjeta' inkwilina, u fil-fatt ma kien hemm ebda skrittura wara dik tat-28 ta' Ottubru 1997, li tipprova dan.

Illi dan apparti l-fatt li mill-provi prodotti jirrizulta li l-parti kbira tal-ammont ta' konsum ta' dawl u elettriku u kontijiet ohra mertu tal-kawza odjerna jidher li sehhew meta s-socjeta' J.I.T. Limited kienet ghadha qed tmexxi l-istess fond b'kera u dan jidher mix-xhieda tal-appellant (Dok. "D 5" – fol. 127) u wkoll mid-dokumenti a fol. 119 tal-process, mid-Dok. "DS 1" sa "DS 2" u wkoll mill-kontijiet relattivi esebiti bhala Dok. "DS 3" (fol. 58) li juri li meta kien hemm is-socjeta' konvenuta J.I.T. Limited kien hemm diversi kontijiet pendenti nkluzi dak ta' Lm2,401.78 – u ohrajn u allura mhux minnu li meta s-socjeta' J.I.T Limited tterminat il-kirja hija kienet hallset il-konsum kollu minnha dovut, u fil-fatt ghalhekk l-azzjoni attrici saret ukoll kontra l-istess socjeta', izda t-talbiet fil-konfront taghha gew iddikjarati bhala preskritti, u dwar dan ma kien hemm ebda appell.

Illi ghalhekk minhabba dak kollu hawn premess, minkejja l-fatt li din il-Qorti ma tiddisturbax normalment id-diskrezzjoni u l-apprezzament ta' provi li ghamlet l-Ewwel Qorti, hlief f'cirkostanzi eccezzjonali, jidher car li dan huwa kaz fejn din il-Qorti qed taghmel dan, peress li jirrizulta mid-dokumenti kollha esebiti fil-process, li r-relazzjoni ta' kera tas-socjeta' attrici kienet mas-socjeta' Delta Medical Services Limited u mhux mal-appellant personalment, u allura jirrizulta li hemm ragunijiet serji hafna sabiex din il-Qorti ma tadottax u ma tikkonfermax il-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, u dan peress li l-istess huma fattwalment u legalment inkorretti.

Illi ghalhekk l-appell qed jigi milqugh, b’dan li d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi qed tigi riformata fis-sens li fil-waqt li tikkonferma li l-azzjoni attrici fil-konfront tas-socjeta’ JIT Limited hija preskritta skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 2156 tal-Kap. 16,** u fil-waqt li tillibera lis-socjeta’ Medical Services Limited mill-osservanza tal-gudizzju (ghaliex tali socjeta’ ma tezistix), izda minflok tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-appellant stante li ma jirrizultax li l-ammont riklamat mis-socjeta’ attrici ghar-ragunijiet indikati fl-avviz huma dovuti mill-appellant David Sciberras ghar-ragunijiet hawn decizi.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad r-risposta tal-appell tas-socjeta’ John D’Amato Limited, **tilqa’ l-appell interpost mill-appellanti David Sciberras fir-rikors tal-appell tieghu datat 10 ta’ Novembru 2010 u ghalhekk tirriforma s-sentenza fl-ismijiet “John D’Amato Limited vs J.I.T. Limited et (Avviz 216/05SM) datata 27 ta’ Ottubru 2010, b’dan li filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ddikjarat li l-azzjoni hija preskritta fil-konfront tas-socjeta’ JIT Limited skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 2156 tal-Kap.16, u in kwantu lliberat mill-osservanza tal-gudizzju lis-socjeta’ Medical Services Limited ghaliex inezistenti, tirrevokaha in kwantu ikkundannat lill-appellant ihallas l-ammont tas-sorte hemm indikat, u minflok tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-istess appellant, ghaliex fil-konfront tieghu it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.**

**Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta’ appellata John D’Amato Limited.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------